MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-23 ta' Mejju, 2012

Avviz Numru. 104/2012

**Awtorita' tad-Djar**
**vs**
**Ritianne Bugeja**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ipprezentat fir-Registru ta' din il-Qorti nhar it-23 ta' Marzu 2012 fejn l-attrici talbet lil Qorti tikkundanna lill-konvenuta thallasha s-somma ta' sitt elef mitejn u ghaxar Ewro u hdax-il Ewro centesmu (€6,210.11) rapprezentanti rifuzjoni ta' ghotja/sussidju moghti fuq tiswijiet a bazi ta' ftehim datat 9 ta' Novembru 2005 li gie anness bhala dokument 'A' u dan peress li kienet obbligata li tokkupa l-fond maghruf bhala 17, Triq id-Dejqa, Bormla ghall-perjodu ta' ghaxar snin minn meta nghatat l-ghotja u dan kif indikat fl-istess dokument 'A' kif ukoll skont kundizzjoni numru 12 (iii) tal-Gazzetta tal-Gvern li giet annessa u mmarkata bhala dok 'B'.

Il-konvenuta hija ingunta biex tidher ghas-subizzjoni.

Bl-interessi u bl-ispejjez inkluzi ta’ l-ittra bonarja datata 4 ta’ Jannar 2010.
Rat in-nota tal-konvenuta Ritianne Bugeja pprezentata fir-Registru ta’ din il-Qorti fl-10 ta’ Mejju 2012 li biha l-konvenuta qeghda tammetti ghat-talbiet attrici hekk kif dedotti kontra taghha.

**Ghaldaqstant, fuq tali ammissjoni, il-Qorti tiddeciedi billi tikkundanna lill-konvenuta thallas lill-Awtorita’ attrici s-somma ta’ sitt elef mitejn u ghaxar Ewro u hdax-il Ewro centesmu (€6,210.11).**

**L-interessi u l-ispejjez inkluzi ta’ l-ittra bonarja datata 4 ta’ Jannar 2010 a karigu tal-konvenuta.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------